

NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

MEJJU – ĠUNJU 2009

Nru 168

# Waslet il-Kbira

## Lejn Festa San Ġorġ 2009



Aħna rridu b'mod speċjali nitkellmu magħkom, ulied ta' din il-belt Victoria, għaliex Ġorġi hu l-patrun partikulari tagħkom, u mbagħad magħkom ukoll, o Nsara tad-djoċesi tagħna, li tant minħabba fin-nisel tal-parroċċi tagħkom kemm ukoll minħabba l-interessi tagħkom f'din il-belt, hija ħaġa wisq xierqa li tagħtu ġieħ lit-titular ta' din il-knisja mnejn intom tafu ġid kbir tar-ruħ.

*silta mill-ittra pastorali ta' l-isqof Giovanni Maria Camilleri* OESA *fl-okkażjoni tas-sittax-il ċentinarju mill-martirju ta' San Ġorġ, April 1903*

Għalkemm għaddew mija u sitt snin minn meta l-isqof Giovanni M. Camilleri kiteb dawn il-kelmiet meqjusa u mqanqla, u mill-festi ċentinarji u straordinarji ta' sitt snin ilu u li ċertament għadhom friski fil-memorja tagħna lkoll, l-eku tagħhom għadu sħiħ u qawwi daqs dak in-nhar li nkitbu. Dak li kiteb l-isqof Agostinjan fil-festi pluri-ċentinarji ta' l-1903 seta' kien ispirat mill-moħħ u l-qalb ta' l-għaref saċerdot Għawdxi Ġorġjan Mons. Giu[...] Farrugia "Tal-Vers", dak in-nhar segretarju tiegħu. [...] kliem li jirrifletti l-imħabba kbira li San Ġorġ kien ig[...] aktar minn seklu ilu. Imma dik l-imħabba ma ntfietx[...] kull ma jmur tinsab dejjem tikber u tissaħħaħ hek[...] issib min jittenta jeqfilha. Kemm kellu raġun il-poeta[...] Ingliż John Keats meta ħareġ bil-qawl *"A thing of bea[...] a joy for ever"*! Mela jekk oġġett sabiħ inissel ferħ dej[...] x'tagħmel għalina l-figura nobbli u qaddisa ta' l-[...] martri tal-Knisja ta' l-Orjent u l-aktar martri g[...] meqjum fl-Oċċident, San Ġorġ tal-Kappadoċja! Ta[...] sena, hekk kif jibdew joqorbu l-jiem sħajna ta' Lu[...] qalb u ruħ tar-Rabtin jimtlew bil-hena fl-istennija ħe[...] ta' l-Għid tiegħu.

### Festa Kristjana

Il-festa ta' San Ġorġ kisbet il-popolarità enormi u sin[...] li tgawdi l-lum frott diversi raġunijiet. Imma ċertament li dak li jinsab fil-qalba tagħha huwa l-element Kristjan ċar li jikkaratterizzaha. Hekk kif San Ġorġ sar dak li hu għax kien dixxiplu ta' Ġesù Kristu, hekk ukoll il-festa tiegħu fil-qalba ta' Lulju hija dak li hi għax żammet fiċ-ċentru tagħha l-identità Kristjana li tagħmilha dak li hi. It-tlett ijiem tat-Tridu għadhom, kif kienu fl-antik, jiffukaw fuq il-ħajja tal-qaddis martri u għalhekk iservu bħala għajn ta'

*jissokta f'paġna 16*

Pjazza Ġużè Debono
L-Imsida MSD 1252
Malta



## Mużew tagħna
## Mużew għal kulħadd

PAĠNA 10

*"kwazi kwazi bla mistennija – waslitli email f'April li l-proġett 'intgħażel għall-kofinanzjament'"*

Antoine Vassallo, *chairman* **Fondazzjoni Belt Victoria**

f'din il-ħarġa

Don Bosco: 75 sena f'Għawdex

Paġna 6



# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 2155 6377, fax: 2155 6981 email: info@ilbeltvictoria.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Proġett ta' viżjoni, tkomplija ta' ħolma

F'dawn l-aħħar jiem ġriet madwar ir-Rabat l-aħbar tajba li l-proġett tal-mużew li qed taħdem fuqu l-*Fondazzjoni Belt Victoria* hu eleġibbli għal fondi mill-Unjoni Ewropea biex ix-xogħol ikun jista' jibda. Il-mużew storiku-kulturali fil-qalba ta' beltna hu proġett ta' viżjoni għaliex juri kemm il-bażilika ta' San Ġorġ tippromovi l-istorja u l-kultura tagħna; ta' viżjoni għax m'hux proġett maqtugħ għalih imma prova oħra ta' dinamiċità u entużjażmu ta' min, f'San Ġorġ, dejjem kellu għal qalbu l-identità tagħna. Minn dejjem il-kollaboraturi u l-voluntiera fi ħdan il-bażilika ta' San Ġorġ ħadmu biex l-isem u l-identità ta' San Ġorġ – u, miegħu, ta' beltna u artna – jingħarfu aktar, jikbru u jissaħħu. Dan il-proġett sa jkompli jsaħħaħ isem din il-parroċċa bħala ċentru ta' kultura: fih sa jiġu esebiti oġġetti marbuta ma' l-istorja għoddha bimillenarja ta' San Ġorġ.

Il-proġett tal-mużew huwa tkomplija ta' ħolma li bdiet żmien ilu u diġà bdiet titwettaq b'binjiet oħra. Kien l-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia li, għax ħares fil-bogħod, irnexxielu jwettaq – mingħajr ħalla piż żejjed fuq l-ispejjeż tal-knisja – il-proġett ambizzjuż ta' l-estensjoni taċ-ċentru parrokkjali u l-bini ta' dar parrokkjali ġdida. Bħala arċipriet huwa dejjem ħadem bis-sħiħ biex jara t-tkomplija ta' din il-ħolma, oriġinarjament tiegħu imma maqsuma mal-membri kollha tal-parroċċa li għandhom f'qalbhom lil San Ġorġ. U issa nistgħu naraw titwettaq it-tieni parti ta' dak il-proġett: il-mużew. Minn hawn nappellaw lilkom il-qarrejja biex kull min għandu xi oġġetti ta' valur li għandhom x'jaqsmu ma' San Ġorġ javviċina lil xi membru tal-Fondazzjoni. Ikun xieraq li l-oġġetti kollha ta' valur storiku li għandhom rabta ma' San Ġorġ, u bħalissa jinsabu mxerrdin f'min jaf kemm-il kollezzjoni privata fi gżiritna, jingabru għal kollox f'dan il-mużew fejn ħafna iżjed jistgħu jgawduhom. Artiklu mirqum ta' Antoine Vassallo, *chairman* tal-Fondazzjoni, f'din il-ħarġa jispjega fid-dettall kif wasalna sa hawn!

Filwaqt li nifirħu lill-membri eletti tal-kunsill lokali l-ġdid ta' beltna, irridu nuru l-apprezzament tagħna lill-kunsill li serva fl-aħħar tliet snin, u b'mod speċjali lill-eks-sindku Robert Tabone, li ħadem biex ingħata bidu għall-proġett tat-tisbiħ ta' Pjazza San Ġorġ. Issa nawguraw li t-tlestija ta' dan il-proġett skond il-pjan oriġinali tkun fost il-prijoritajiet tas-sindku l-ġdid Dr Samuel Azzopardi, li minn hawn nawgurawlu għal dan il-mandat ta' responsabbiltà kbira li ngħata mill-poplu ta' beltna. Hekk ir-Rabtin, l-Għawdxin u kull min jgħaddi minn din il-pjazza ewlenija ta' Għawdex, ikunu jistgħu jgawduha fis-sbuħija kollha tagħha, għad-dell u l-ħarsien tat-tempju f'gieh il-Patrun ta' gżiritna.

## KRONAKA PARROKKJALI

***Membri ġodda fil-komunità parrokkjali***

21/04/2009 **Miguel Giorgio**, bin Louise Christine Zammit u Matthew Ciha
17/05/2009 **Thea**, bint Maria Formosa u Patrick Tabone
29/05/2009 **Anderson**, bin Liliana Buttigieg u Andrew Agius
30/05/2009 **Neil**, bin Marlene u Charlie Attard
31/05/2009 **Grace Isabella**, bint Detlef Mokoschey u Alison Studley
13/06/2009 **Martina**, bint George Cremona u Monica Vella
26/06/2009 **Philip**, bin Jaclyn Attard u Franco Magrin

***Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ***

02/05/2009 **Monica Gatt** u **Robert Grima**
03/05/2009 **Sylvana Saliba** u **Christoper Busuttil**
17/05/2009 **Marbeck Cremona** u **Aaron Vella**
20/06/2009 **Joseph Cutajar** u **Miriam Rapa**
21/06/2009 **Sarah Casha** u **John Louis Cassar**
27/06/2009 **Catherine Farrugia** u **Kevin George Saliba**
28/06/2009 **Catriona Cini** u **Justin Deguara**
28/06/2009 **Joannam Mercieca** u **Simon Mizzi**

***Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt***

18/12/2008 **Sarah Bogle-Fitzgerald**
07/05/2009 **Angela Sacco**
18/05/2009 **Dolora Azzopardi**
30/05/2009 **Carmelo Tabone**
18/06/2009 **Consolata Zammit**
25/06/2009 **Pawlu Parnis**

Il-Belt Victoria hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-arċipriet Mons. Emanuel Mercieca.



BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Michael Formosa, George Francis Vella, Antoine Vassallo.
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Teddy Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Kan. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Pawlu Cardona*

cardonapaul@gmail.com



Il-Papa Benedittu XVI fis-16 ta' Ġunju ta' din is-sena inawgura s-Sena Saċerdotali fl-okkażjoni tat-"twelid għas-sema" tal-Kurat ta' Ars, San Ġwann Marija Vianney. Għaliex din is-Sena Saċerdotali? Għaliex propju fit-tifkira tal-Kurat ta' Ars, saċerdot li apparentament ma għamel xejn straordinarju f'ħajtu?

Filwaqt li fid-29 ta' Ġunju għadna kemm għalaqna s-Sena Pawlina, iddedikata lill-Appostlu Missierna San Pawl, mudell straordinarju ta' xandâr tal-Kelma li wettaq ħafna vjaġġi missjunarji biex ixerred il-Vanġelu, din is-sena ġubilari ġdida tistedinna nħarsu lejn ħaddiem sempliċi tar-raba', li sar kappillan umli u li qatta' ħajtu f'daqsxejn ta' raħal ċkejken. Jekk dawn iż-żewġ qaddisin huma tant differenti minn xulxin fil-mixja ta' ħajjithom, hemm imma ħaġa li tgħaqqadhom flimkien: l-identifikazzjoni tagħhom fil-ministeru tagħhom, l-għaqda tagħhom ma' Kristu li San Pawl jesprimiha hekk: "Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu" (Gal 2:20). U San Ġwann Marija Vianney kien iħobb jirripeti: "Li kieku għandna l-fidi naraw 'l Alla moħbi fis-saċerdot bħal dawl wara ħġieġa, bħal meta l-inbid jitħallat ma' l-ilma".

L-iskop ta' din is-Sena Saċerdotali hu li kull saċerdot jikber "fil-perfezzjoni spiritwali li minnha tiddipendi l-effikaċja tal-ministeru tiegħu", u biex tgħin lis-saċerdoti, u magħhom il-poplu ta' Alla, ħalli jagħrfu mill-ġdid u jsaħħu l-għarfien tad-don tal-grazzja li bih hu mżejjen is-saċerdozju ministerjali f'min irċivieh, fil-Knisja u fid-dinja; għaliex mingħajr Kristu kollox hu mitluf. San Ġwann Marija Vianney kien jgħid: "Ragħaj tajjeb, ragħaj skond il-qalb ta' Alla, huwa l akbar teżor li Alla l-Imbierek jista' jagħti lil parroċċa, u huwa wkoll wieħed mill-aktar doni prezzjużi tal-Ħniena Divina".

Il-Papa kien qed jaħseb f'dawk is-saċerdoti li joffru lill-fidili Kristjani u lid-dinja kollha l proposta umli u ta' kuljum tal-kliem u tal-ġesti ta' Kristu, bix-xewqa li jingħaqdu miegħu bil-ħsieb, bir-rieda, bis-sentimenti u bl-istil ta' ħajjithom. Il-Papa jistaqsi: "Kif ma nurux l-impenn appostoliku tagħhom, is-servizz moħbi li jagħtu bla serħan, l-imħabba tagħhom? X'ngħidu mbagħad għall-fedeltà kuraġġjuża ta' tant saċerdoti li, fost tant diffikultajiet u bla ma jkunu mifhuma, jibqgħu fidili għas-sejħa tagħhom: dik ta' "ħbieb ta' Kristu", imsejħin, magħżula u mibgħuta minnu?".

Is-saċerdoti tal-lum kif jistgħu jimitaw lil dan is-saċerdot qaddis fil-ministeru tagħhom, f'dinja tant differenti minn tiegħu? Qegħdin ngħixu fi żmien fejn ftit baqa' post għal dak li hu qaddis, u minflok qed tingħata l-idea li dak li jgħodd hu l-meħtieġ, il-produzzjoni. Dan il-periklu jista' jidħol ukoll fis-saċerdozju Kattoliku u xi kultant ukoll fil-mentalità tal-Knisja.

Il-Konċilju Vatikan II jafferma: "Għax bit-tħabbir appostoliku ta' l-Evanġelju l-poplu ta' Alla jingabar u jingema' hekk li... joffru lilhom infushom bħala 'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla' (Rum 12:1). Dan is-sagrifiċċju spiritwali tal-fidili mbagħad isir perfett għax permezz tal-ministeru tal-presbiteri jingħaqad ħaġa waħda mas-sagrifiċċju ta' Kristu, il-medjatur waħdieni; minn idejn il-presbiteri, f'isem il-Knisja kollha, ikun offrut sagramentalment u bla tixrid ta' demm fil-misteru ta' l-Ewkaristija sa ma jiġi l-Mulej innifsu" (*Presbyterorum ordinis 2*).

Nistaqsi lil nnifsi: X'ifisser għalija, saċerdot, li nevanġelizza? X'ifisser il-primat tax-xandir tal-Kelma? Ġesù jitkellem fuq it-tħabbira tas-Saltna ta' Alla bħala l-għan ewlieni tal-miġja tiegħu fostna. U din il-Bxara t-Tajba kienet tiġbor ukoll l-għemil tiegħu: is-sinjali u l-mirakli li wettaq juru li s-Saltna ta' Alla daħlet fid-dinja, hija realtà ħajja, preżenti u ssib il-milja tagħha fil-persuna tiegħu nnifsu. Il-predikazzjoni Kristjana ma xxandarx "kliem" iżda xxandar "il-Kelma", u t-tħabbira m'hix għajr il-persuna ta' Kristu nnifsu, f'relazzjoni profonda mal-Missier u ubbidjenti għar-rieda tiegħu.

Għalhekk kull xandir awtentiku tal-Kelma jitlob min-naħa tas-saċerdot ċaħda għalih innifsu, ħalli jkun jista' jgħid ma' San Pawl: "Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu". Aħna s-saċerdoti m'aħniex għajr "qaddejja" tal-Kelma. U dan ma jfissirx li nsiru funzjonarji, iżda jfisser li għandna "nintelqu fi Kristu" billi nieħdu sehem miegħu fil-misteru tal-mewt u l-Qawmien: bl-intelliġenza, bil-libertà, bir-rieda u bl-offerta ta' ġisimna "b'sagrifiċċju ħaj" (ara Rum 12:1-2). Hija l-parteċipazzjoni fis-sagrifiċċju ta' Kristu li tagħtina l-awtentiċità tal-Bxara t-Tajba! Din hija l-mixja li rridu nagħmlu biex ma' Kristu naslu għand il-Missier, ħalli jitwettaq "mhux dak li rrid jien, imma li trid int" (Mk 14:36).

Is-saċerdot hu marbut profondament mal-Verb tal-Missier, li meta sar bniedem "xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir" (ara Fil 2:5-11). Is-saċerdot hu l-qaddej ta' Kristu, fis sens li ħajtu hija kkonfigurata ma' dik ta' Kristu, u daħal f'relazzjoni intima miegħu. is-saċerdot hu fi Kristu, bi Kristu u ma' Kristu għas-servizz tal-bnedmin. Propju għaliex sar ta' Kristu s-saċerdot hu kompletament għas-servizz tal-bnedmin: hu ministru tas-salvazzjoni tagħhom, tal-ferħ tagħhom, tal-ħelsien veru tagħhom, u magħqud dejjem aktar mar-rieda ta' Kristu, bit-talb, b'li joqgħod "qalb ma' qalb" miegħu.

Il-Papa Benedittu XVI qed jitlob li fid-djoċesijiet, fil-parroċċi, fil-komunitajiet reliġjużi, fl-għaqdiet, fil-movimenti u f'kull tip ta' realtà pastorali jiġu mmultiplikati inizjattivi ta' talb, b'mod partikulari l-adorazzjoni Ewkaristika għall-qdusija tas-saċerdoti u tal-vokazzjonijiet saċerdotali, ħalli nagħtu tweġiba għat-talba ta' Ġesù: "Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (Mt 9:38). Ikompli l-Papa: "It-talb hu l-ewwel impenn, il-vera triq ta' qdusija għas-saċerdoti, ir-ruħ awtentika tal-pastorali vokazzjonali". Naħseb li lkoll għad għandkom kopja ta' dik it-talba li kont tajtkom fl-ewwel żjara tiegħi fil-familja tagħkom: *Talba għas-Saċerdoti.*

Ma ninsewx li "min jitlob m'għandux biża'; min jitlob m'hu qatt waħdu; min jitlob isalva!". Mudell ta' ħajja megħjuxa fit-talb hu bla dubju ta' xejn San Ġwann Marija Vianney. Marija, Omm il-Knisja, tgħin lil kull saċerdot biex jimxi fuq l-eżempju tiegħu, sabiex bħalu jsir xhieda ta' Kristu u appostlu tal-Vanġelu.

Nawgura l-festa t-tajba ta' San Ġorġ martri lil kulħadd. Grazzi tat-talb u ta' l-imħabba għalina s-saċerdoti.

## Fuq il-passi ta' San Pawl fil-bażilika tagħna | 3

DAWRA MA' L-ARTI PAWLINA F'SAN ĠORĠ



*Francesco Pio Attard*

fpa@sangorg.org

# Ix-xbieha ta' San Pawl fl-arzella tal-kor

Jekk minn fuq il-kwadru ta' San Pawl tal-Palombi ħarstek timraħ 'il fuq f'linja vertikali, għajnejk bilfors jaqgħu fuq xbieha oħra ta' San Pawl, fejn jidher ma' l-ewwel daqqa t'għajn li l-artist baqa' fidil lejn il-kuluri u l-karatteristiċi ta' Palombi. Qed nitkellem fuq ix-xbieha ta' San Pawl fl-arzella ta' l-abside tal-kor tal-bażilika ta' San Ġorġ.



Kwadru tal-pittur Gian Battista Conti li jinsab fis-Sala *Mons. Emanuel Mercieca*

L-ewwel xogħol tal-professur Ruman Gian Battista Conti (1878-1970) f'Malta għamlu fl-1936 meta beda jpitter il-koppla tal-knisja tal-Lunzjata fil-Birgu, li b'xorti ħażina ma laħqitx tgawdiet, għax meta kienet għadha m'hix mikxufa ġġarfet bil-bumbardamenti ta' l-għadu fit-Tieni Gwerra Dinjija u ftit laħqu rawha lesta. Dan kien iż-żmien meta f'San Ġorġ bdew u tlestew it-tkabbir tal-knisja u l-bini mill-ġdid tal-koppla tagħha. L-arċipriet Mons. Mikiel Cefai ma riedx jagħmel għajb lill-predeċessur tiegħu Mons. Alfons Marija Hili f'li jara li l-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ tkun mgħammra mill-aħjar. Issa li x-xogħol tal-bini kien lest Mons. Cefai tefa' ħarstu fuq il-pittura u d-dekorazzjoni.

L-għażla waqgħet fuq l-artist Ruman, li f'temp ta' għaxar snin pitter il-koppla u l-lunetti tagħha, is-saqaf u l-mitri tat-twieqi, kif ukoll l-erba' absidi tal-knisja. Kien lejn tmiem is-snin erbgħin li bit-tħabrik ta' Dun Anton Grech u fuq parir tal-Prof. Ġużè Galea tar-Rabat ta' Malta, li dik il-ħabta kien qed jaħdem fuq id-dekorazzjoni tal-koppla l-ġdida, Gian Battista Conti ngħab ipitter fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Ma kinitx biċċa xogħol faċli, imma Conti daħal għaliha b'ruħu u ġismu, hekk li nistgħu ngħidu li ħalla l-aqwa opra tiegħu fil-bażilika tagħna; għal dan il-kapulavur tiegħu baqa' magħruf, fost l-oħrajn, bħala "il-pittur ta' l-anġli". Biżżejjed ngħidu li fis-saqaf biss għandu mas-sitta u ħamsin anġlu. Fix-xogħol tal-pittura dejjem kien immexxi minn imħuħ għaqlija bħal ta' Mons. Cefai innifsu, waqt li bdew jitfaċċaw benefatturi, fosthom saċerdoti, lesti li jħallsu xi parti jew oħra tal-proġett.

Fl-1949 kienet lesta l-koppla, u l-artist daħal mill-ewwel għas-saqaf, biex imbagħad għadda għall-erba' absidi jew arzelel, li jissejħu hekk minħabba l-forma tagħhom. Dik tal-kor, li kienet inbniet fit-tkabbir ta' l-istess kor fil-bidu tas-seklu, kienet l-ewwel waħda li lesta, fl-1955, u tirrappreżenta l-Glorja ta' San Ġorġ fis-Sema, kif turi l-iskrizzjoni *"Coronatus triumphat"* f'riġlejha. F'din il-pittura sabiħa San Ġorġ jidher qed jirċievi l-kuruna tar-rebħa minn idejn Ġesù, għat-talb tal-Verġni Marija u l-ferħ tal-qaddisin u l-anġli tas-Sema. Ġiet tiswa £700 u tħallset minn missier u ibnu mir-Rabat ta' Għawdex. Fil-ġurnal *Leħen il-Belt Vittorja* ta' Ottubru 1958 inkiteb hekk fuq xogħol l-artist f'din il-pittura: "Bl-arti tiegħu l-Conti jkellimna b'dak l-istess għerf li bih l-Iskrittura tiġi mfissra. Hu kapaċi jara l-Ġenna".

B'kollox il-pittura fiha madwar sebgħin figura differenti. Fiċ-ċentru tispikka x-xena ta' l-inkurunazzjoni ta' San Ġorġ mit-Trinità Qaddisa: fuq nett Alla l-Missier jidher iħares minn fuq sħaba, bid-dinja u x-xettru f'idejh; l-Ispirtu s-Santu, fi xbieha ta' ħamiema bajda, qed jittajjar fl-għoli;



Dettall mill-arzella ta' l-Appostli Pietru u Pawlu f'konverżazzjoni bejniethom.



l-arzella l-qadima ta' Robert Caruana Dingli.

it-tnejn qed ibierku l-azzjoni ta' l Iben, Ġesù Kristu, liebes mant abjad, li qed ixidd il-kuruna tar-rebħa fuq ras iż-żagħżugħ Ġorġi, għarkubbtejh quddiemu, liebes l-uniformi ta' tribun. Ninnutaw li wiċċ Kristu hu l-istess wieħed li naraw fil-flieli tal-pitturi tal-koppla. Il-Verġni Marija Immakulata tidher bejniethom, qed tirrakkomanda lil San Ġorġ quddiem Alla, waqt li San Ġużepp ukoll, bil-ħatar u l-ġilju f'idu, jissieħeb f'din l-għaqda bejn it-Trinità Qaddisa u l-Familja Mqaddsa. San Ġorġ hu mdawwar b'numru ta' puttini helwin, wieħed iżommlu l-elmu, l ieħor il palma tal-martirju u ieħor il-mantar aħmar. Din id-dehra tas-Sema tinsab magħluqa f'ċirku ta' anġli, bosta bl-istrumenti tad-daqq u n-noti mużikali f'idejhom, xi wħud iħarsu, waqt li tnejn partikulari jżommu wieqfa bejniethom ix-xbieha dominanti tas-Salib b'raġġ ta' dawl dehbieni fuqha. Din ta' l-aħħar tindika kif il-martirju ta' San Ġorġ jinkwadra perfettament fil-Misteru ta' l-Għid.

Lejn din ix-xena ċentrali qed iħarsu żewġ gruppi ta' nies qaddisa fuq il-lemin u fuq ix-xellug. Fuq il-lemin jidhru rappreżentanti tan-nisel ta' Ġesù u qraba tiegħu flimkien ma' kolonni kbar tal-Knisja, waqt li fuq ix-xellug jissieħbu magħhom qaddisin kbar miż-żewġ rabtiet ta' l-Iskrittura Mqaddsa, fosthom patrijarki, martri u verġni. It-tielet taqsima prinċipali nsibuha isfel, fejn taħt is-sħab hemm moħbija parti oħra tas-Sema, b'qaddisin oħra jħarsu mistagħġba lejn il-glorja ta' San Ġorġ, fosthom ukoll ix-xbieha ta' Adam, li fi Kristu – Adam il-ġdid – u l-qaddisin martri tiegħu jsib qawmien ġdid.

Jagħmel sens li x'imkien ieħor nagħtu tifsir teoloġiku iktar dettaljat ta' din l-arzella u nieqfu nirriflettu fuq kull waħda minn dawn il-figuri qaddisa li nsibu fiha, imma minn qalb dawn kollha ndawru ħarsitna fuq żewġ qaddisin kbar, fuq quddiem tal-grupp tal-lemin, li jidhru f'konverżazzjoni interessanti bejniethom: San Pietru u San Pawl, iż-żewġ kolonni kbar tal-Knisja universali. Conti jqiegħed lil dawn iż-żewġ Appostli fi djalogu tassew naturali bejniethom, hekk li jiġbdu l-attenzjoni ta' min iħares lejn din l-arzella miżgħuda b'ilwien differenti li jarmu l-fwieħa tal-qdusija. Għal darb'oħra lil San Pawl narawh bix-xabla f'id waħda u bil-ktieb ta' l-ittri tiegħu fl-id l-oħra, fejn tidher kitba bil-Latin meħuda mit-tieni ittra tiegħu lil Timotju 2:5: *"Qui certat in agone non coronatur nisi legitime certaverit"*, li bil-Malti tfisser: "L-atleta ma jiħux il-premju jekk ma jkunx mexa skond ir-regoli". Bla dubju hawn kliem Pawlu japplika kollu għal San Ġorġ, is-suldat qalbieni ta' Kristu li rċieva l-premju għax mexa mar-regoli tas-Sema qabel osserva dawk tad-dinja. San Publiju, l-ewwel isqof ta' Malta, bil-baklu u l-palma f'idejh, jidher ukoll maġenb Pawlu jsegwi l-konverżazzjoni.

Din ta' Conti m'hix l-ewwel arzella li tpittret fil-kor ta' San Ġorġ. Fil-fatt taħtha hemm oħra eqdem, impittra fuq il-ġebla minn Robert Caruana Dingli fl-1922, li wkoll kienet tirrappreżenta l-glorja ta' San Ġorġ fis-Sema u fl-art. Imma kellha ħajja qasira, għax fl-1953 tgħattiet biex beda x-xogħol fuq dik attwali.



# Don Bosco: 75 sena f'Għawdex

Fl-okkażjoni tal-75 anniversarju mill-ftuħ ta' l-*Oratorju Don Bosco*, ***John Cremona*** jeħodna lura lejn iż-żmien tal-bidu, meta l-Oratorju fetaħ fi Triq il-Karità, ftit passi 'l bogħod minn San Ġorġ, b'inizjattiva ta' Dun Pawl Micallef, sagristan maġġur f'din il-knisja parrokkjali. L-ewwel festi ta' San Ġwann Bosco, bit-Tridu u l-purċissjoni, kienu wkoll isiru f'San Ġorġ. Din is-sena qed jiġu ċċelebrati anniversarji oħra b'rabta ma' l-Oratorju: 75 sena mill-kanonizzazzjoni ta' Don Bosco, 60 sena mill-ftuħ uffiċjali ta' l-Oratorju fi Pjazza Santu Wistin u 150 sena mit-twaqqif tal-Kongregazzjoni Salesjana.

Kien propju Ħadd il-Għid tas-Sena Mqaddsa tas-sena 1934, meta l-Papa Piju XI f'Ruma kien qed imexxi r-rit tal-kanonizzazzjoni ta' Don Bosco fil-Vatikan, li fi Triq il-Karità fir-Rabat ta' Għawdex infetħu għall-ewwel darba l-bibien żgħar ta' l-ewwel Oratorju.

Fl-1 ta' April ta' din is-sena ħabat il-75 anniversarju minn dawn iż-żewġ ġrajjiet u l-Oratorju, li minn dik il-ġurnata storika sal-lum qatt ma reġa' għalaq il-bibien tiegħu, qed ifakkar b'mod xieraq dawn il-ġrajjiet.

75 sena huma ħafna drabi aktar minn għomor ta' bniedem, u ftit huma dawk l-ixxurtjati li kienu preżenti dak in-nhar u li l-lum għadhom ħajjin. Forsi huma kienu jkunu f'pożizzjoni aħjar minni li jirrakkuntaw x'ġara dak in-nhar, imma jien sa nibbaża dawn il-ftit linji fuq kitbiet li ħalla l-protagonist ewlieni ta' din il-ġrajja f'Għawdex, Dun Pawl Micallef.


L-ewwel dar fi Triq il-Karità li serviet bħala Oratorju, 1934.


Dun Pawl Micallef (1897-1956).


Dun Ġużepp Spiteri, "Il-Malti".

Kif għedna, kien il-Ħadd fil-għodu meta Dun Ġużepp Spiteri, qassis Malti li kien ġie joqgħod Għawdex, fetaħ għall-ewwel darba l-bibien ta' l-Oratorju. Nisthajjilkom tistaqsu: "Mela Dun Pawl fejn kien?". Jirrakkonta Dun Pawl:

> Wasal il-jum tant mixtieq ta' l-1 ta' April 1934, waqt li jien kont Ruma nassisti ċ-ċerimonji solenni tal-kanonizzazzjoni tal-maħbub Missier u Mgħallem taż-żgħażagħ, fost ħlejjaq ta' nies u pellegrini li qatt ma kienu dehru daqshom ġo San Pietru u barra l-knisja, u Dun Ġużepp hawn Għawdex fetaħ il-bibien liċ-ċkejknin għeżież ta' Don Bosco. L-Oratorju ġie miftuħ! Fost l-ikbar ferħ.

Il-ftuħ ta' l-ewwel Oratorju ma ġiex b'kumbinazzjoni; qabel din il-ġrajja kien hemm snin twal ta' ħidma, talb u qtigħ il-qalb għal Dun Pawl Micallef. Huwa nnifsu jistqarr li kien għadu fuq il-bankijiet ta' l-iskola meta hu u Dun Alwiġ Mizzi, li aktar tard kellu jsir Salesjan, kienu dejjem jitkellmu u joħolmu fuq Don Bosco, is-Salesjani u l-Oratorju. Huwa kien jaħdem biex ixerred id-devozzjoni lejn Don Bosco kemm permezz ta' artikli li beda jikteb fil-*Leħen is-Sewwa* u kemm bit-tqassim ta' santi u kurunelli.

L-ewwel opportunità għal Dun Pawl ġiet meta fl-1929 Mons. Pawl Cauchi, rettur tal-knisja ta' Savina, reħa l-għaqda tal-Paġġi tas-Sagrament f'idejn Dun Pawl Micallef, u din serviet bħala l-ewwel opportunità li jibda jiġbor it-tfal. Din l-għaqda ħadet spinta fl-1931, f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tal-Paġġi tas-Sagrament, meta f'Savina saru festi kbar u t-tfal żdiedu fuq li żdiedu. Mons. Pawl Cauchi fit-tmiem tal-festi kien qal lit-tfal u lin-nies miġbura fil-knisja li "l-Oratorju hu lest; tonqos id-dar u s-Salesjani kemm jiġu jieħdu ħsiebu".

Kellhom jgħaddu madankollu sentejn oħra qabel ma l-proġett li kellu f'moħħu Dun Pawl beda jieħu s-sura. Iż-żmien ma kienx wieħed sabiħ f'Għawdex. Il-livell ta' għixien kien wieħed baxx ħafna u l-livell ta' l-edukazzjoni kien bil-wisq aktar baxx. Għal darb'oħra sa nħalli lill-protagonist jirrakkonta huwa stess fuq is-sitwazzjoni f'Għawdex:


Dun Pawl bħal Don Bosco waqt il-logħob mat-tfal.


Tfal ta' l-Oratorju li għamlu l-Ewwel Tqarbina f'San Ġorġ, 1938.

Id-duttrina fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kienet wisq sejra lura li xi drabi konna nkunu iktar katekisti milli tfal. Xi qassisin kienu jmorru 'l barra għax bla tfal jew il-ftit tagħhom kienu jagħtuhom lil ħaddieħor. Bruda kbira fit-tfal u f'min jgħallem! Imma donnu kollox minn Alla! Donnu Alla ħalla li jsir dan biex aktar tidher il-ħtieġa ta' Oratorju.

Imqanqal minn din is-sitwazzjoni, l-arċipriet tar-Rabat Mons. Alfons Maria Hili f'Novembru 1933 reħa t-tagħlim tad-duttrina f'idejn Dun Ġużepp Spiteri, magħruf bħala "il-Malti", li kellu ħafna mis-sistemi ta' Don Bosco. F'xi żmien wara Dun Ġużepp talab l-għajnuna ta' Dun Pawl biex jgħinu u "f'malajr it-tnejn sirna qisna qalb waħda", jgħid Dun Pawl. Biex tiġbed it-tfal kienu jinħtieġu s-santi u r-rigali, u għalhekk kien hemm ħtieġa ta' għajnuna materjali. Dun Ġużepp Spiteri talab lill-Isqof biex ikun jista' jagħmel ġabra darba fix-xahar fil-parroċċa ta' San Ġorġ, iżda l-Isqof dehrlu li aħjar li tibda ssir ġabra nhar ta' Ġimgħa fil-Quddiesa tat-8.00am, u l-ewwel ġabra saret fil-21 ta' Novembru 1933 u nġabru ħdax-il sold u nofs (11½).

F'waħda miż-żjajjar li Don Bosco għamel lill-Papa Piju IX fil Vatikan, dan il papa qaddis, li għaraf ukoll il qdusija ta' Don Bosco, talbu biex jikteb l-istorja ta' ħajtu biex isservi ta' tagħlim għal uliedu spiritwali. Don Bosco dan wettqu biss bosta snin wara, meta l-papa tah ordni biex jikteb il memorji tiegħu. Ma nafx għal liema raġuni, imma Dun Pawl ukoll kiteb il-memorji tat-twaqqif u tal-ftuħ ta' l-ewwel Oratorju. Sfortunatament din il-ktiba tasal biss sas-sena 1938, imma tagħti ħafna informazzjoni fuq l-ewwel snin ta' l-Oratorju.

Għal darb'oħra r-rakkont ta' kif akkwista l-ewwel dar sa nerġa' nħallih għall-pinna ta' Dun Pawl:

> Dak ix-xahar stess (Novembru 1933) tkellimna fuq il-ħtieġa li nsibu xi dar. Konna fuq il-għatba tas-sagristija ta' San Ġorġ; kien hemm is-servjent ta' San Ġorġ M'Anġ Agius, u kif semagħna nitkellmu qabeż qalilna: "Hawn dar naħseb li tajba, m'hix mikrija għax jgħidu li fiha l-ħares, hawn qrib Nru 12/13 Strada Carità, ta' Ġużepp Grech".
>
> U tassew! Sibna lil Ġużepp u f'malajr ftehimna, bil-patt li żewġt ikmamar jiftaħhomlna f'waħda; u s-sid kien wisq ġentili magħna, għamlilna li tlabnieh u krielna d-dar bi ftit flus. U l-ħares? Malajr keċċieh Don Bosco! Kif konna naraw id-dar Ġużepp irrakkontalna l-biċċa tal-ħares. Hemmhekk kellu l-barrin u mal-lejl xi wieħed isib ruħu maħlul u kien jitla' u jinżel it-taraġ, u l-katina – ċlikk ċlikk – kienu jaħsbu li hemm ix-xjaten il-ġirien; u ma dħakniex bi ftit.

L-ewwel snin ta' l-Oratorju kienu kkaratterizzati minn diffikultajiet u għaks kbir, karatteristiċi li ssibhom f'kull opra għall-glorja ta' Alla. Id-dar kienet kważi art u saqaf u kull ma kien hemm fil-ftuħ tad-dar kienu xi bankijiet li xtara mit-*talkies* ta' Mikiel Vella u mill-każin ta' Ljun, u sintendi kwadru ta' Don Bosco. Is-siġġijiet għall-katekisti kienu jissellfu minn San Ġorġ. Sena wara mbagħad inxtrat l-ewwel magna tal-films mingħand Mikiel Vella.

F'din id-dar bdiet issir id-duttrina kuljum u l-ispjega tal-Vanġelu fil-Ħdud u l-festi, filwaqt li l-Quddiesa tal-Ħadd kienet issir fil-knisja ta' San Ġakbu. Hawn beda wkoll it-teatrin, pilastru ewlieni fis-sistema ta' Don Bosco, u l-ewwel dramm li ttella' kien propju *Duminku Savio*, dramm maqlub għall-Malti minn Dun Pawl Micallef.

F'din id-dar ma damx wisq għaliex sa sentejn wara Dun Pawl kien diġà ttrasferixxa l-Oratorju għal 24 Strada Pietà, il-lum Triq Mons. Giuseppe Farrugia, li kienet dar akbar fejn ħoloq teatru żgħir u kappella. Dun Pawl ħaseb ukoll biex jordna statwa ta' Don Bosco mingħand l-istatwarju Wistin Camilleri:

> Minn għand Wistin ħadnieha bit-tfal ikantaw *Don Bosco ritorna* u ġiet imbierka mill-arċipriet Alfons Maria Hili fil-knisja ta' San Ġorġ, u ftit wara bdew il-festi fl-1, 2 u 3 ta' Mejju 1936. Għasar u priedka, u fil-għodu Quddiesa bit tqarbina tat-tfal. L-ewwel jum ippriedka Dun Pawl Micallef, it-tieni jum Dun Alwig Galea, it-tielet jum Mons. C. Fort. Griek. Jum il-festa bil-mużika. L-istatwa rigal tiegħi.

*Fil-kwotazzjonijiet, li huma kollha meħuda mill-kitbiet ta' Dun Pawl Micallef, saru bidliet żgħar biex ġew adattati għall-Malti tal-lum.*


L-ewwel ritratt tat-tfal ta' l-Oratorju fl-erbgħinijiet fuq it-taraġ tal-Katidral ma' Dun Pawl Micallef.

# Id-devozzjoni lejn San Ġużepp (2)

## Il-kult ta' San Ġużepp f'Għawdex

*Noel Micallef*

F'Għawdex il-qima lejn il-kbir patrijarka San Ġużepp tmur lura sew fiż-żmien. Minkejja li f'Għawdex insibu knisja parrokkjali waħda biss iddedikata lil dan il-qaddis, li hija dik tal-Qala li ġiet imwaqqfa parroċċa fl-1889, insibu ħafna altari ddedikati lilu f'diversi knejjes u kappelli mxerrda mal-gżira.

Iżda, sfortunatament, iż-żmien jeqred il-monumenti u anki d-djar ta' Alla mibnija mill-qima u l-fidi tal-Kristjani. Fil-qedem il-gżira ċkejkna ta' Għawdex kienet miżgħuda b'dawn il-knejjes jew kappelli żgħar imwaqqfa fir-Rabat jew fil-kampanja. Madwar il-bażilika ta' San Ġorġ fl antik konna nsibu seba' kappelli li l-lum ma għadhomx jeżistu. Dawn kienu l-kappella tal-Madonna tal-Konsolazzjoni, ta' Santa Marija tas-Sokkors, il-kappella tal-Madonna ta' l-Idria, il-knisja tal-Kunċizzjoni tal-Warda, il-knisja tal-Kunċizzjoni, il-knisja ta' Santa Katerina u l-kappella tad-Duluri.[1] Huma ħafna dawk il qarrejja li jiftakru kappella fil-qalba tar-Rabat iddedikata lil San Ġużepp, li kienet tkun iffrekwentata minn għadd kbir ta' devoti ta' San Ġużepp, li b'xorti ħażina m'għadhiex teżisti.

Il-kappella ta' San Ġużepp fir-Rabat kienet tissejjaħ "ta' San Ġużepp tas-Suq" għax kienet mibnija ħdejn għadd ta' ħwienet tas-Suq. Kienet inbniet fl-1730, bil-koperazzjoni ta' l-arċipriet Adeodato Formosa, u ġiet ikkonsagrata fit-18 ta' Marzu 1733, b'konċelebrazzjoni fil għodu u l kant tal-vespri solenni fil-għaxija.[2] Din il-kappella ġiet mibnija fuq il-post ta' żewġ knejjes oħra, it-tnejn filjali tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ: waħda taħt it-titlu tal-Madonna tas-Sokkors u l-oħra taħt it-titlu tal-Madonna ta' l-Idria.[3] Dak li kien il-kwadru titulari tal-kappella ta' San Ġużepp jirrappreżenta lill-Madonna tad-Dawl u lil San Ġużepp, xogħol tal-pittur Malti Ġan Nikol Buhagiar (1698-1752).[4] De Soldanis jgħid: "Żgħira hi din il knisja, iva, imma ħelwa b'dik il-koppla tagħha, taħt l-isem tad-Dawl u ta' San Ġużepp".[5]

Fuq id-devozzjoni tal-Madonna tad-Dawl l-istoriku De Soldanis jislet minn dak li kien kiteb il-patri Ġiżwita Manwel Aquileja Aguitera:

> Fil-gżira ta' Għawdex ukoll, gżira msawra u mgħammra b'ħafna nies, bil-belt tagħha u sitt irħula, taħt il-ħakma ta' l Eminentissimu Prinċep Gran Mastru ta' Malta, daħlet u waqfet id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Dawl, fil-ħabta li kien hemm il-Missjoni, mogħtija mill-patrijiet Ġiżwiti. F'kull parroċċa ġie lilha mwaqqaf altar u f'wieħed mill-irħula li semmejna [qiegħed jirriferi għar-Rabat][6] ġiet lilha mibnija knisja żgħira, żgħira mill-koċċ, imma kbira, jekk wieħed jifli l-faqar tal-gżira u d-devozzjoni tan-nies tagħha, li sikwit iġarrbu r-radd ta' mħabbitha li xxerred fuqhom grazzi mingħajr ma jaqtgħu.[7]

Din il-kappella kellha wkoll sagristija mibnija ħdejha, bil-paramenti sagri u oġġetti relatati mal-knisja. Kien hemm ukoll kamra għas-sagristan. Achille Ferres ikompli jgħid li l-kappella kellha wkoll *"due buone campane"*,[8] li l-lum jinsabu fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi.

L-Għawdxi Bażilju Grima ħalla biex issirilha l-festa ta' kull sena, bħalma naqraw fl-atti tan-nutar Ġan Franġisk Debono ta' l-1 ta' Ottubru 1731, u ta' Stiefnu Vella fl-4 ta' Novembru ta' l-istess sena.[9] Il-festa baqgħet issir sa l-aħħar snin. Meta kont qiegħed inqalleb f'waħda mill-ħarġiet tad-*Devot ta' Marija* tal-bidu tas-seklu għoxrin sibt programm tal-festa ta' din il-kappella:

> Fil-knisja ta' San Ġużepp ta' din il-Belt Vittoria sar tridu wisq devot li fih għamel id-diskors ir-Rev.mu Kan. D. Alfons Hili. Fil-jiem tal-festa qaddes ir-Rev.mu Kan. Penit. D. Giuseppe Grima u għamel il-paniġierku l-W.Rev. D. Fortunat Grech.[10]

Il-knisja baqgħet dejjem miżmuma tajjeb u ffrekwentata ħafna min-nies, mhux biss għaliex fil-gżira ta' Għawdex id-devozzjoni lejn il-patrijarka San Ġużepp kienet minn



Ritratt tal-faċċata tal-kappella ta' San Ġużepp tas-Suq ftit qabel ma twaqqgħet fil-bidu tas-snin sittin tas-seklu l-ieħor.

dejjem qawwija ħafna, imma wkoll għaliex din il-knisja kienet qiegħda f'post ċentrali kemm jista' jkun. L-iktar li kienet tkun iffrekwentata kien fil-ġranet tar-Randan meta n-nies kienet tmur hemmhekk biex tagħmel il-*Via Crucis*. Mill-bqija kienet knisja wkoll devota biex fiha wieħed jgħid ir-Rużarju fil-għaxija, speċjalment fix-xitwa, kif ukoll biex jagħmel devozzjonijiet oħra.[11]

Hija kienet, biex ngħidu hekk, l-aħħar eżempju ta' kappella Medjevali fir-Rabat li fiha wieħed kien iħoss is-sensazzjoni li qiegħed jitlob f'atmosfera ta' snin imbiegħda sewwa minna. Din il-kappella ġiet imwaqqgħa fil-bidu tas-snin sittin sabiex il-pjazza ta' San Ġorġ tkun tista' tikber. Dan l-aħħar, waqt li kienu qed isiru xi xogħlijiet fl-istess pjazza, instabu xi fdalijiet ta' din il-kappella. F'waħda mis-swali tal-parroċċa ta' San Ġorġ għadna nsibu statwa żgħira ta' San Ġorġ li kienet tinżamm fl-istess kappella.




Il-kwadru li kien titulari tal-knisja ta' San Ġużepp jirrappreżenta lill-Madonna tad-Dawl u lil San Ġużepp, xogħol tas-seklu tmintax tal-pittur Malti Ġan Nikol Buhagiar, li jinsab fl-Awla Kapitulari tal-bażilika ta' San Ġorġ.

## Riferenzi

[1] Nikol Vella Apap, *Il-qima lejn il-Kunċizzjoni tal-Madonna ħdejn il-bażilika ta' San Ġorġ u fil-knisja tiegħu: kappelli ħdejn il-bażilika ta' San Ġorġ*, f'*Il-Belt Victoria*, Novembru-Diċembru 1985 (Nru 27), 7.

[2] Achille Ferres, *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, 561.

[3] Ibid.

[4] Ibid.

[5] Gian Piet Franġisk Agius De Soldanis, *Għawdex bil-ġrajja tiegħu*, miġjub għall-Malti minn Mons. Ġużeppi Farrugia Gioioso, Vol. 2, 1953, 52.

[6] De Soldanis jikteb: "Billi dan il-patri kien joqgħod Sqallija, ma kienx jaf tajjeb lil Għawdex u ħawwad ir-Rabat ma' raħal".

[7] De Soldanis, *Għawdex bil-ġrajja tiegħu*, Vol. 2, 52.

[8] Ferres, *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*, 561.

[9] De Soldanis, *Għawdex bil ġrajja tiegħu*, Vol. 2, 52.

[10] *Id-Devot ta' Marija*.

[11] *Ir-Review*, 16 ta' Ottubru 1963, 7; 23 ta' Ottubru 1963, 7.

## ERRATA CORRIGE

It-tagħrif taħt ir-ritratt ta' paġna 13 fl-aħħar ħarġa ta' *Il-Belt Victoria* ried jidher hekk: **Ritratt minn *Il-Berqa* ta' Mejju 1956 li juri parti mill-folla kbira li nġabret nhar it-Tlieta 1 ta' Mejju 1956** [u mhux 1959]

# L-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mweġġaħ mill-Ordni ta' Malta



ritratti: Kav. Martin Micallef



F'ċerimonja li saret fl-oratorju tal-konkatidral ta' San Ġwann, il-belt Valletta, nhar il-Ħadd 21 ta' Ġunju 2009 fil-għodu, Mons. Ġużeppi Farrugia, arċipriet emeritu tal-bażilika Ġorġjana u benefattur singulari tagħha, ġie mogħti d-dekorazzjoni tas-salib *"pro piis meritis" Melitensi* ta' l-Ordni Sovran, Militari u Ospidalier ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, Rodi u Malta.

Fil-bidu taċ-ċerimonja tal-vestizzjoni sar it-tberik ta' l-insinji mill-arċisqof metropolita ta' Malta Mons. Pawl Cremona OP, li ppresieda l-pontifikal ta' qabel fil-konkatidral fl-okkażjoni tas-solennità tat-Twelid ta' San Ġwann Battista, patrun ta' l-Ordni. F'kelmtejn ta' ringrazzjament qabel il-vestizzjoni l-E.T. Dr Alfred Caruana Galizia, president ta' l-Assoċjazzjoni Maltija ta' l-Ordni, qal li Mons. Farrugia kien qed jingħata dan il-ġieħ b'turija ta' rikonoxximent għall-ħidma li biha tul l-arċipretura tiegħu hu għen lill-Ordni jsaħħaħ il-preżenza tiegħu f'Għawdex permezz tal-voluntiera, li b'ħajr lilu għandhom is-sede tagħhom f'Dar *Leħen il-Belt Victoria*, fi Pjazza San Ġorġ.

Fiċ-ċerimonja ġew onorati wkoll Għawdxin oħra: Dr Giovann Pace, John Magro u Daniel Cilia. Nifirħu lil Mons. Farrugia għal dan il-ġieħ, waqt li nissoktaw napprezzaw b'imħabba u rispett il-preżenza valoruża tiegħu fil-komunità tagħna.

## Lejn twettiq ta' ħolma...

# Mużew tagħna – Mużew għal kulħadd

*Antoine Vasallo,* chairman *tal-*Fondazzjoni Belt Victoria

Din is-sena mxejna ferm 'il quddiem biex titwettaq xewqa u ħolma "qadima": dik li jkollna mużew fejn tant opri u oġġetti ta' valur u interess, mhux biss jinżammu bl-attenzjoni li jixirqilhom, iżda jiġu ppreżentati skond kif ħaqqhom. Passi kienu ttieħdu, ngħidu aħna, mill-arċiprieti Mercieca u Borg; iżda donnu kien għadu ma wasalx il-waqt!

Fl-1998 Mons. Ġużeppi Farrugia, dak in-nhar arċipriet ta' San Ġorġ, flimkien ma' Dun Charles Cini SDB, iddeċidew li jwaqqfu fondazzjoni bl-iskop prinċipali li jinħoloq ċentru kulturali fir-Rabat iddedikat partikularment (iżda mhux esklussivament) għall-patrimonju ta' San Ġorġ. Il-*Fondazzjoni Belt Victoria* kellha tiġbor materjal (mhux biss dak dokumentarju u artistiku) u tmexxi riċerka fuq il-patrimonju storiku u l-kultura reliġjuża. Ma jistax jonqos li l-istatut jinkludi l-organizzazzjoni ta' konferenzi u wirjiet, kif ukoll pubblikazzjonijiet. Din il-fondazzjoni pubblika ħadet post il-*Kumitat Belt Vittorja – Għawdex* (bil-membri tiegħu jsiru l-ewwel diretturi) u sintendi għandha personalità ġuridika distinta. Barra dan il-bord l-istatut jirrikonoxxi wkoll (b'responsabbiltajiet speċifiċi) liż-żewġ fundaturi, lill arċipriet *pro tempore* u lill kapitlu u l-presbiterju tal-bażilika ta' San Ġorġ.

l-possibbiltà li nakkwistaw fondi Ewropej. Sentejn ilu, bis-sehem ta' tant voluntiera li offrew il-ħila professjonali tagħhom bla ħlas, ippreżentajna proposta lill-kumitat tal-Gvern responsabbli. Għamilna sforzi u tajna sigħat iżda – għalkemm irrikonoxxewh bħala validu – ma konniex fost il-proġetti magħżula.

Ma qtajniex jiesna; anzi għamilna iktar kuraġġ: kien hemm bosta proposti (ta' min hu iktar b'saħħtu minna) li waslu iktar lura! Fl-2008 ħarġet sejħa oħra (tal-*Fond għall-Iżvilupp Reġjonali* – ERDF – fil-baġit 2007-2013) li rajnieha opportunità tajba. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi u s-sħab soċjali ġew mistiedna jibagħtu proposti ta' investiment fil-*Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar* (fil-*Programm Operazzjonali I*). L-esperjenza ta' l-attentat preċedenti wasslitna biex noħorġu dokument oħxon (u impressjonanti) imsejjaħ *The Making of a People: A Cultural and Historical Eco-Museum*. Jiġifieri ridna nenfasizzaw l-aspett li l-mużew nixtiquh juri l-mixja tal-poplu Għawdxi, f'binja li tiffoka fuq il-kultura u l-istorja, u ma twarrabx il-ħarsien ambjentali.

Fil-ġimgħat ta' wara komplejna niċċaraw u nispjegaw lill-kumitat ta' l-għażla permezz ta' ittri biex nirrispondu



Dehra attwali tal-bini li fih sa jitla' l-Mużew.

Mill-ewwel il-FBV bdiet ħidma sfiqa biex takkwista propjetà adattata għal mużew, u sforzi għal ġbir ta' fondi. Ta' min isemmi, ngħidu aħna, l-isforzi ta' Dun Charles – megħjun tant mill-qrib minn Manwel Grima – biex jinħarġu *prints* u jiġu organizzati wirjiet u attivitajiet oħra. Barra li servew biex tixxerred il-kultura, xi ftit tal-qligħ ħallew ukoll! Pubblikazzjoni ta' livell kienet it-traduzzjoni ta' Mons. Farrugia Gioioso tal-*Gozo* ta' De Soldanis; ħriġniha f'żewġ forom, it-tnejn ta' kwalità iktar minn tas-soltu.

Ovvjament il-pass l-iktar importanti kien l-akkwist ta' dar biex, flimkien ma' propjetà li kienet diġà tal-parroċċa, ikollna biżżejjed spazju biex jitwettaq il-proġett. Nota interessanti: l-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia xtara din id-dar, fi Triq Mons. Giuseppe Farrugia, mill-eredi ta' Mons. Ġużeppi Farrugia ieħor! Bdejna wkoll nippjanaw iktar fid-dettall. Is-sħubija fl-Unjoni Ewropea fetħitilna

għal kummenti u mistoqsijiet. F'Jannar sejħulna għal laqgħa twila, u bħal ħadna l-impressjoni li sa nġibuha żewġ! Fil-fatt daħħluna f'ħafna dettalji li inkella ma kienx ikollhom skop. Fl-aħħar – kważi kważi bla mistennija – waslitli email f'April li l-proġett "intgħażel għall-kofinanzjament". Immedjatament kopja tagħha ntbagħtet lill-isqof Mario Grech, għax kien qed jiġi mgħarraf bl-iżviluppi kollha.

Fil-fatt xhur qabel kont bdejt laqgħat miegħu (bis-sapport ta' Dun Eddie Zammit) biex nispjegalu x'kienu l-ħsibijiet tagħna fuq kif l-istatut isir iktar prattiku, u adattat għal biċċa xogħol bħal din. Barra li kien dehrilna minn snin qabel li kellna bżonn struttura iktar qawwija, bidliet leġislattivi għamluha għaqlija li – flok nemendaw u nraqqgħu – noħolqu wieħed ġdid. Ovvjament ma seta' jkollna l-ebda problema max-xewqa ta' Mons. Grech li dan

# ROKNA għat-tfal



Kif intom, għeżież tfal?
Naħseb li qed noqorbu lejn tmiem is-sena skolastika. Għal xi wħud fostkom naħseb li t-tmiem wasal iktar kmieni: hekk jaħsbu dawk li diġà għamlu l-eżamijiet (ta' l-*entrance*) tal-*Junior Lyceum*. Imma ż-żmien qatt m'hu mitluf u dejjem tista' tibqa' titgħallem. Għal ħafna oħrajn, iżda, dan huwa ż-żmien tal-prova meta ma' tmiem l-iskola jaslu l-eżamijiet ta' l-aħħar li permezz tagħhom wieħed jitla' fi klassi oħra. Hekk kif dawn jgħaddu, kulħadd jieħu nifs qawwi u ħerqan jistenna li jikseb riżultat tajjeb. Dan li nawguralkom mill-qalb, dejjem jekk ħadtu l-affarijiet bis-serjetà. Għax ngħiduha kif inhi, ma tistax tistenna riżultat tajjeb jekk ma tkunx ħdimt għalih. Imma jiena nemmen li l-parti l-kbira tagħkom qagħdu attenti u ħadmu matul is-sena.

Intant, dalwaqt jibdew il-vaganzi twal tas-sajf, u mas-sajf tasal il-festa tagħna, il-festa ta' San Ġorġ, dejjem mifruxa matul it-tieni gimgħa ta' Lulju. Il-qofol jintlaħaq il-Ħadd 19 ta' Lulju. Il-festa tagħna hija waħda popolari u titlob ħafna xogħol u preparazzjoni. Għalkemm forsi għadkom żgħar, fejn tistgħu tgħinu toqogħdux lura, għax kull laqxa tirfed l-imramma. Din is-sena l-ħabiba tagħna Antonella Zammit qed tieħu ħsieb biex ikollna Novena sabiħa ta' San Ġorġ. Fejn tistgħu, għinuha. Importanti wkoll li tmorru l-knisja għall-funzjonijiet sbieħ li jsiru matul dawn il-granet tal-festa. Rajt ħafna minnkom jattendu għall-Ħamisijiet ta' San Ġorġ. Tassew bravi! Titilfux mument mill-festa, għax imbagħad tridu tistennew sena oħra biex terġgħu tgawdu. Gibu ruħkom sew fil-festi ta' barra u tmorrux fejn ikun hemm in-nar. Gawdu ċ-ċigċifogu imma żommu 'l bogħod minn kull periklu biex ma tinkwetaw lil ħadd. Dawk fostkom li rċivew l-Ewwel Tqarbina u dawk li rċivew il-Griżma ta' l-Isqof araw li titolbuh lil San Ġorġ biex issa jżommkom fit-triq it-tajba billi tibqgħu tattendu għal xi laqgħat li ta' kultant isirulkom.

Wara l-festa jibqgħalkom ħafna żmien biex tistrieħu u tiddivertu. Xi wħud forsi jsiefru wkoll ma' tad-dar. Mis-safar hemm ħafna x'titgħallem ukoll. Dawk li jibqgħu qrib il-baħar araw li tgħumu kemm tifilħu (attenti minn dak l-imbierek bram!), imma araw ukoll li tevitaw ir-raġġi qliel tax-xemx bejn nofs in-nhar u t-tlieta ta' wara nofs in-nhar. Gawdu wkoll fil-festi li jsiru u toqogħdux lura minn xi ġelat jew xi biċċa qubbajt li jaf jagħmel il-ħabib tagħna Joseph Vella!

Mela nixtiqilkom granet sbieħ ta' mistrieħ u divertiment. Ta' l-aħħar din: twarrbux fil-ġenb għal kollox il-ħbieb tagħkom, il-kotba. Ġorġ Borg fil-librerija tal-Vajringa u George J. Cassar f'dik ta' San Franġisk ikunu jistennewkom. Morru arawhom ta' spiss u ibdlu l-kotba u aqrawhom. Is-sajf ma jiġix biss għall-mistrieħ u d-divertiment. Quddiesa u Rużarju kuljum m'għandkomx titilfuhom. Il-ġurnata fiha erbgħa u għoxrin siegħa: il-Mulej jistenna ftit minuti minnhom.

Issa ħa ngħaddu għall-kompetizzjoni li tista' trebbaħkom ktieb sabiħ bil-Malti ġentilment mogħti mill-*Klabb Kotba Maltin* (tel: 21 551 325 / 79 551 325). **Ibagħtuli nofs tużżana qwiel Maltin, imma li ma dehrux fl-aħħar żewġ ħarġiet ta' din il-pubblikazzjoni tagħna.** Iridu jkunu bla żball u eżatti. Għandkom żmien sas-6 ta' Settembru 2009. Ibagħtuhom fl-indirizz tas-soltu: Kompetizzjoni Qwiel Maltin, c/o "Marjos", Triq Sir Paul Boffa, Victoria VCT 2111, Għawdex.

klabb kotba maltin

*Iz-Ziju Joe*

---

*jaqbad mill-paġna l-oħra*

il wirt jitħares! Għalkemm għadna ma qbilniex fuq id dettalji, inħossu dmir tiegħi li nesprimi l-apprezzament tas-sigħat twal li tani, peress li aħna dehrilna li ma konniex inkunu mexjin sew jekk ma nitolbux l-opinjoni tiegħu (kemm peress li hu dekan tal-kapitlu u kemm peress li l-fondazzjoni għandha rabta mal-parroċċa, u l-mużew sa jinbena fuq art tat-tnejn). L-Erbgħa 20 ta' Mejju 2009 ikkonkludejna li għalissa nkomplu nużaw l-istatut eżistenti, imbagħad wara naraw kif nistgħu ndaħħlu l-bidliet mixtieqa u meħtieġa (imfassla mill-avukat Antoine Cremona).

Fil-fatt ma stajniex nipposponu iktar: fost il-kundizzjonijiet l-awtorità responsabbli kienet talbitna għal kuntratt bejn San Ġorġ u l-FBV fi żmien speċifiku. Propjament ma kienx xi dokument ikkumplikat: bażikament l-arċipriet Mons. Pawlu Cardona u jien iddikkjarajna li l-propjetajiet sa jintużaw biex isiru mużew li jkun responsabbiltà tal-FBV.

Din ir-responsabbiltà diġà fissret ħafna xogħol u taħbil il moħħ. U għadna mank bdejna nibnu! Inġib eżempju: sa x'ħin il-MEPA vżatna, fil-bidu ta' l-2008, li aċċettaw l-applikazzjoni għat-twaqqigħ u l-bini, il-perit Salvu Micallef kien uża sengħetu matul żmien twil ferm, u (biex insemmi żewġ figuri biss) kellna nħallsu €2000 u nippreżentaw garanzija bankarja ta' elfejn oħra biex joħroġ il-permess. Iżda f'moħħna hemm li kull ħarġa ta' dan il-perjodiku jkollha ftit informazzjoni ġdida, inklużi skemi kif tipparteċipaw. Il-proġett jinvolvi spiża ta' 'l fuq minn €1,000,000, u l-parti tal-flus li sa nirċievu lura (85%) inkunu ġa nfaqniha.

Ovvjament, semmejt għażla rappreżenttativa tal-bosta loqgħat, ittri, telefonati, kuntatti, ġbir ta' informazzjoni, kalkulazzjonijiet u mili ta' formli; xprunati mill-preżenza ta' Mons. Farrugia. Semmejt xi persuni: hemm bosta oħra li taw sehemhom (fl-imgħoddi – inkluż il-mibki Anton Vella "Dalli" – u preżentament) bla interessi, imħeġġin biss bl-imħabba ġenwina lejn San Ġorġ!

*l-istorja fil-qosor fl-aħħar paġna*




# TISLIBA

## Mimdudin

1 Fil-pittura tal-Glorja ta' San Ġorġ fis-Sema Alla l-Missier għandu dan f'idu. (6)
3 Hemm bosta bħalu barra minn Malta. (7)
7 L-Oratorju fetaħ il-bibien tiegħu f'dan ix xahar. (5)
8 Fond mogħti mill-Unjoni Ewropea. (4)
10 Kull belt u raħal jagħmel bħal din. (5)
13 Hekk jissejjaħ il-patrun tal-belt Victoria. (12)
14 In-nutar jaħdem ħafna fuqhom. (4)
15 F'dan il-post ġie meħud ġisem San Teodoru. (13)
20 Fjura. (5)
22 Isseħħ ħafna drabi fil-Parlament Ewropew. (11)
23 Jiġi ffirmat quddiem nutar. (8)
24 Poplu. (4)
25 Fil-gżejjer Maltin graw ħafna minnhom. (13)

## Weqfin

2 Hekk kienet tissejjaħ iċ-ċinema fl-imgħoddi. (7)
3 Baqa' jinstema'. (3)
4 Wieħed mill-ibħra dinjija. (10)
5 Żmien tas-sena liturġika. (6)
6 Hekk jissejjaħ San Ġużepp. (10)
7 Din hi importanti ħafna fil-mużika. (8)
8 Ġeneru ta' nies. (5)
9 Jaħdem fl-armata. (7)
11 Isseħħ f'ħafna mill-parroċċi tagħna. (8)
12 Hawn hu meqjum ukoll San Ġorġ. (8)
16 Il-maġġoranza tal-knejjes għandhom waħda minnha. (10)
17 Twelid. (5)
18 Sa nsibuh żgur fil-mużew li sa jkollna. (10)
19 Issibu f'post prominenti f'kull knisja. (7)
21 Xahar importanti ħafna fil-kalendarju Għawdxi. (5)

**Ibagħtu t-tisliba maħduma flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: *Tisliba – Il-Belt Victoria*, Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex, jew inkella permezz ta' email lil *info@ilbeltvictoria.org*, sa mhux aktar tard mis-6 ta' Settembru 2009.** Ma jiġux aċċettati tislibiet maħduma fuq il-ġurnal stess. **PREMJU: Ir-rebbieħ jieħu xirja ta' €35 minn għand *G.F.S. Ta' l-Orjenti* ta' 15 Triq ir-Repubblika, il-belt Victoria; tel: 21 563 018.** Ir-rebbieħ/a jitħabbar fil-ħarġa li jmiss, flimkien mar-riżultati t-tajba.

**Riżultati u rebbieħa tat-tisliba ta' Marzu-April 2009: Dame Marianne Zammit ta' "Virgo", Triq Ċangar, Victoria.**
MIMDUDIN: 1) Napli; 3) ritratti; 7) skroll; 8) kartun; 10) Qala; 11) ġurament; 14) epoka; 16) ġurament; 17) Hili; 20) introjtu; 21) borma; 23) Furjana; 25) Palombi; 26) gwerra; 27) karità; 28) martri.
WEQFIN: 2) promutur; 4) rettur; 5) Ingilterra; 6) Djoklezjanu; 8) Karmelitani; 9) veskovili; 12) topografija; 13) punent; 15) Apostolorum; 18) Biżantin; 19) Rabat; 22) Caen; 24) aħmar.

GRAZZI TA' L-GĦAJNUNA TAGĦKOM: Mons. Coronato Grima (Ġibiltà) – £10, John G. Borg (il-Kanada) – C$40, Joseph Attard (l-Awstralja) – A$50, Frank Schembri (l-Awstralja) – €20.
ERRATA CORRIGE: Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tal-qarrejja għal dettall żbaljat li ngħata fl-artiklu fuq il-Kan. Joe Mejlak, f'*Il-Belt Victoria* ta' Jannar-Frar 2009, paġna 5. **Mejlak ġie ordnat saċerdot fil-knisja parrokkjali taż-Żebbuġ u mhux fil-katidral ta' Għawdex.**

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

April – Mejju 2009

*Andrew Formosa*
andrew@ilbeltvictoria.org



**Il-Ħamis 2 ta' April**
**06.00pm:** Intemmet is-Settiena tad-Duluri mmexxija mill-Kan. Ġwann Sultana bi tħejjija għall-festa tal-Verġni Mqaddsa Addolorata.

**Mill-Ġimgħa 3 sal-Ġimgħa 10 ta' April**
Ittellgħet wirja fuq il-Ġimgħa l-Kbira fl-ewwel sular tad-*Dar Leħen il-Belt Victoria* fi Pjazza San Ġorġ.

**Is-Sibt 4 ta' April**
**09.00pm:** Il-grupp *23four>>* kompla bil-programm tiegħu għar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa b'velja fil-bażilika, li kienet tinkludi mumenti ta' talb, qari tal-Vanġelu, riflessjoni u Qrar. Diversi gruppi ta' żgħażagħ minn Għawdex attendew għal din iċ-ċelebrazzjoni li ngħatat dimensjoni djoċesana.

**Il-Ħadd 5 ta' April**
**10.30am:** Il-funzjoni ta' Ħadd il-Palm bdiet fuq iz-zuntier ta' San Ġakbu, il-knisja filjali ta' San Ġorġ, fejn sar it-tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ. Wara telqet purċissjoni għall-bażilika u fil-11.00am bdiet konċelebrazzjoni solenni tal-Passjoni tal-Mulej immexxija mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona.
**08.00pm:** Il-*Chorus Urbanus* tella' kunċert fil-bażilika fejn ġiet esegwita l-kantata sagra *The Seven Words of Christ*, xogħol ta' Theodore Dubois, taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea.

**It-Tnejn 6 ta' April**
**05.30pm:** Saret konċelebrazzjoni solenni fil-knisja tal-Franġiskani Konventwali tal-belt Victoria, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, minn fejn telaq pellegrinaġġ bl-istatwa devota tar-Redentur sal-bażilika ta' San Ġorġ, li tulu saret it-talba tar-Rużarju mqaddes.
**08.00pm:** Il-banda ċittadina *La Stella* żammet il-kunċert tradizzjonali tagħha għall-Ġimgħa Mqaddsa fil-bażilika ta' San Ġorġ. Minbarra li esegwiet marċi funebri, il-banda dekana daqqet ukoll xogħlijiet sagri bis-sehem tal-kor residenti tal-bażilika *Laudate Pueri*. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-surmast tagħha l-Prof. Joseph Vella.

**It-Tlieta 7 ta' April**
**06.00pm:** L-isqof djoċesan Mons. Mario Grech mexxa ċelebrazzjoni penitenzjali li għaliha kienu mistiedna b'mod speċjali l-kandidati għas-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof.
**08.00pm:** Il-grupp *23four>>* organizza *L-Ikla ta' l-Għid* fuq stil Lhudi, magħrufa wkoll bħala s-*Seder*, fiċ-ċentru parrokkjali.

**L-Erbgħa 8 ta' April**
**07.00pm:** Għat-tieni sena konsekuttiva, wara waqfien ta' bosta snin, saret il-*Via Crucis* fi Pjazza San Ġorġ. Din is-sena ntgħażlu siltiet mill-ittri ta' San Pawl bħala bażi għall-erbatax-il stazzjon tat-Triq tas-Salib. Mons. Mario Grech mexxa din il-*Via Crucis* li fiha ntużaw skrins bħala għajnuna viżwali għat-talb u l-kant, animat mill-i*Schola Cantorum Gregoriana*.

**Il-Ħamis 9 ta' April**
**05.00pm:** Inżammet fil-bażilika l-liturġija solenni tat-Twaqqif ta' l-Ewkaristija, bir-rit tal-ħasil tar-riġlejn. Fi tmiem il-funzjoni s-Santissmu Sagrament tpoġġa għall-adorazzjoni fuq l-Altar tar-Ripożizzjoni.

**06.30pm: Bdiet ħierġa l-purċissjoni tradizzjonali u penitenzjali tal-Ġimgħa l-Kbira, l-eqdem waħda f'Għawdex, mill-bażilika urbana. Fetħet din il-purċissjoni l-istatwa ġdida ta' Ġesù fl-Ort tal-Ġetsemani, xogħol ta' Michael Camilleri Cauchi. Il-banda ċittadina *La Stella* laqgħet fil-pjazza l-ħruġ tal-purċissjoni sakemm tfaċċat l-istatwa tal-Vara l-Kbira, li mbagħad il-banda mmarċjat warajha. Il-kor *Laudate Pueri* u l-i*Schola Cantorum* animaw bil-kant il-purċissjoni tul ir-rotta kollha, bis-sehem ukoll tal-banda *Santa Margerita* ta' Ta' Sannat. F'din il-purċissjoni żżanżnu konfratiji ġodda għar-reffiegħa, maħduma minn Maria Farrugia.**

**Il-Ġimgħa 10 ta' April**
**09.00am:** Il-Fratellanza tal-Kurċifiss għal sena oħra organizzat iż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes.
**10.00am:** Il-grupp *23four>>* organizza l-*Via Crucis* għaż-żgħażagħ u l-adoloxxenti fuq l-għolja Ta' Għammar.
**04.00pm:** Ingħata bidu għal-liturġija tat-tifkira solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, fejn inqara r-rakkont tal-Passjoni u saret l-Adorazzjoni tas-Salib. Il-bażilika kienet imlibbsa bid-damask iswed, b'sinjal ta' luttu għat-tifkira tal-mewt tal Mulej.

**Is-Sibt 11 ta' April**
**08.00pm:** Il-liturġija solenni tal-Vġili ta' l-Għid bdiet bit-tberik tan-nar fuq isfel tal-korsija tal-bażilika u kompliet bil-qari tas-siltiet mill-Iskrittura, it-tħabbira solenni tal-Qawmien akkumpanjata mid-daqq solenni tal-qniepen, il-liturġija tal-Magħmudija u ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ħadd 12 ta' April**
**11.00am:** Il-pontifikal solenni ta' l-Għid tmexxa minn Mons. Mario Grech, isqof djoċesan. Il-purċissjoni bl-istatwa ta' l-Irxoxt ma ħarġitx minħabba l-maltemp. Tul il-funzjonijiet kollha tal-Ġimgħa Mqaddsa ta sehmu l-kor tal-parroċċa *Laudate Pueri*.
**3.00pm:** Beda t-tberik tal-familji mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona, li dam sa l-4 ta' Ġunju.

**Mill-Ħadd 19 sat-Tlieta 21 ta' April**
**06.00pm:** Saru tlett ijiem ta' Tridu mqaddes bi tħejjija għas-solennità liturġika ta' San Ġorġ, b'Quddiesa u omelija mill-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.

**L-Erbgħa 22 ta' April**
**06.30pm:** L-isqof djoċesan Mons. Mario Grech mexxa l-ewwel Għasar pontifikali tas-solennità.
**08.00pm: Saret velja ta' qari, talb u kant bit-tema *Nishru ma' San Ġorġ fil-lejl tal-Martirju tiegħu*, immexxija mill-isqof Mons. Mario Grech u bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-kolleġġjata. Tul il-velja nqraw siltiet minn bosta kategoriji tal-parroċċa u tkantaw innijiet Ġorġjani mill-kor *Laudate Pueri*. Il-velja saret fil-bażilika u mhux fi Pjazza San Ġorġ minħabba l-maltemp, u xxandret fuq *Leħen il-Belt Ġorġjana*, l-istazzjon komunitarju tal-parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi, f'kollaborazzjoni ma' *Leħen il-Belt Victoria*.**



**Il-Ħamis 23 ta' April**
**08.30am:** Il-kapitlu ċċelebra l-kant solenni tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u t-Talb ta' Nofs il-Jum.
**05.30pm:** L-arċipriet emeritu Mons. Ġuzeppi Farrugia mexxa l-kant solenni tat-tieni Għasar tas-solennità.
**06.00pm:** L-isqof djoċesan u dekan tal-kolleġġjata Mons. Mario Grech mexxa l-pontifikal solenni ta' Jum San Ġorġ, li tulha ndaqqu l-*Missa Sanctæ Ioannis Baptistæ* u l-antifona *Beatus Georgius*. Il-mużika tmexxiet mill-Prof. Joseph Vella u kanta l-kor *Laudate Pueri*.
**08.00pm:** Il banda ċittadina u dekana *La Stella* tellgħet programm mużikali fi Pjazza San Ġorġ, fejn fost l-oħrajn esegwiet l-*Overture 1812* ta' P.I. Tchaikovsky. Wara sar marċ mill-istess pjazza sal-Każin *La Stella*.

**It-Tnejn 27 ta' April**
L-istazzjon komunitarju *Leħen il-Belt Victoria* beda jxandar fuq skeda ridotta sad-19 ta' Ġunju.

**It-Tlieta 28 ta' April**
**08.00pm:** Bħala parti mill-attivitajiet tal-kunsill lokali tal-belt Victoria, fl-okkażjoni tal-ġemellaġġ mal-belt Taljana ta' Nichelino, delegrazzjoni minn din il-belt żaret il-bażilika. Iktar kmieni delegazzjoni mill-belt Victoria, magħmula fost l-oħrajn minn komponenti mill-parroċċa tagħna, kienet żaret Nichelino.

**Il-Ħamis 30 ta' April**
**07.30pm:** Il-kor *Laudate Pueri* ħa sehem f'akkademja mużiko-letterarja fil-kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-belt Valletta, organizzata mill-kapitlu ta' l-istess kolleġġjata bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sena Pawlina.

**Il Ħadd 10 ta' Mejju**
**11.00am:** L E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, arċipriet emeritu, mexxa u ppriedka l'konċelebrazzjoni solenni fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-twelid tal-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani. Wara l-konċelebrazzjoni tqiegħdu bukketti tal-fjuri f'riġlejn il monument ta' dan il poeta fi Triq Taħt Putirjal, quddiem l-aħħar residenza tiegħu.

**It-Tnejn 11 ta' Mejju**
**05.30pm:** Saret Quddiesa għat-tfal fil-bażilika fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġorġ Preca.

**Il-Ħamis 14 ta' Mejju**
**06.00pm:** L-arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fil-bidu tal-Ħamisijiet ta' San Ġorġ, li għaliha kienu preżenti l-kandidati għall-Griżma ta' l-Isqof u l-Ewwel Tqarbina.

**Il-Ġimgħa 15 ta' Mejju**
**09.00am:** L-Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni li tat bidu għat-tlitt ijiem ta' Kwaranturi solenni fil-parroċċa.

**Is-Sibt 16 ta' Mejju**
**08.30pm:** Mons. Rużar Borg mexxa Quddiesa li tat bidu għal adorazzjoni Ewkaristika tul il-lejl kollu, organizzata mill-*Moviment Ewkaristiku Djoċesan*.

**Il-Ħadd 17 ta' Mejju**
**09.00am:** L-isqof Mons. Domenico Sigalini tal-Palestina mexxa l-konċelebrazzjoni konventwali.
**05.00pm:** L-isqof Mons. Mario Grech mexxa l-pontifikal solenni tal-Kwaranturi mqaddsa, u wara l-purċissjoni bis-Sagrament imqaddes mat-toroq tal-belt Victoria, fejn ħadu sehem il-kapitlu u l-kleru, il-kleru reliġjuż u sekulari, is-seminaristi tad-djoċesi, il-fratellanzi tal-parroċċa, it-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma, u l-kor *Laudate Pueri*.

**Il-Ħamis 21 u l-Ħamis 28 ta' Mejju**
**06.00pm:** Issoktaw id-disa' Ħamisijiet bi tħejjija għall-festa ta' San Ġorġ, li din is-sena ġew indirizzati b'mod speċjali lit-tfal u l-adoloxxenti. Il-predikaturi għat-tieni u t-tielet Ħamis kienu Patri Ġorġ Attard OFMCONV u Dun Renato Sammut rispettivament. Wara l-Quddiesa t-tfal ingħataw ġelat b'xejn u mbagħad Antonella Zammit laqqgħethom biex tħejjihom għan-Novena drammatizzata ta' San Ġorġ.

**Il-Ġimgħa 22 ta' Mejju**
**08.00pm:** Ittella' fil-bażilika kunċert ta' mużika sagra fl-okkażjoni tal-ħamsa u għoxrin sena presbiterat tal-Kan. Karm Curmi, membru onorarju tal-kolleġġjata Ġorġjana. Fost l-oħrajn ġew esegwiti l-antifoni *Beatus Georgius* ta' Paolo Fiammingo u *Sancte Paule* ta' Mons. Giuseppe Farrugia. Ħadu sehem il-kor *Laudate Pueri* u l-*Victoria Arts Festival Orchestra*.

**Is-Sibt 23 ta' Mejju**
Bħala parti mill-attivitajiet tan-*Notte Gozitana* il-kor *Laudate Pueri* tella' kunċert korali, filwaqt li wara l-bażilika baqgħet miftuħa għall-pubbliku fejn fost l-oħrajn inħarġu l-abiti korali bħala esebiti. Il-bejt tad-dar parrokkjali kien ukoll miftuħ għall-pubbliku.

**Il-Ħadd 24 ta' Mejju**
**11.00am:** Mons. Anton Gauci, saċerdot mill-parroċċa tal-Katidral u dekan tal-kapitlu ta' l-istess knisja, iċċelebra Quddiesa ta' radd il-ħajr fl-okkażjoni tas-sittin anniversarju presbiterali tiegħu, fl-istess knisja parrokkjali li fiha sittin sena ilu għamel il-*Prima Messa* tiegħu

**L-Erbgħa 27 ta' Mejju**
**7.30pm:** L-arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa ċelebrazzjoni penitenzjali li fiha ġiet amministrata l-ewwel Qrara lit-tfal li kienu sa jagħmlu l-Ewwel Tqarbina.

**Il-Ħamis 28 ta' Mejju**
**08.30pm:** Waslet fil-bażilika l-istatwa ta' San Ġwann Bosco meqjuma fil-kappella ta' l-*Oratorju Don Bosco*, li għamlet l-aħħar żjara fil-parroċċa tagħna tul pellegrinaġġ mal-knejjes parrokkjali tal-gżira fl-okkażjoni tal-75 anniversarju mill-ftuħ ta' l-ewwel Oratorju.

**Il-Ġimgħa 29 ta' Mejju**
**08.00pm:** Il-*Paphos Corale*, kor Ċiprijott, tella' kunċert fil-bażilika b'xogħlijiet Barokki u mir-repertorju sagru Ingliż.

**Is-Sibt 30 ta' Mejju**
**10.30am:** Saret żjara mill-kardinal primat tal-Brażil u arċisqof ta' San Salvador l-Em.T. Mons. Geraldo Majella Agnelo. Hu ddawwar mal-bażilika mill-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.
**07.00pm:** Il-kapitlu tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ ħa sehem fit-translazzjoni solenni fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu tal-Munxar, immexxija mill-kardinal Geraldo Majella Agnelo, fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' dik il-parroċċa.

**Il-Ħadd 31 ta' Mejju**
**11.00am:** Saret l-ewwel tqarbina lit-tfal tal-parroċċa.

*jaqbad minn paġna 1*

tagħlim Kristjan fuq il-*"martyria"*, jiġifieri fuq ix-xhieda Kristjana li San Ġorġ ta u li ħafna Kristjani ta' żmienna għadhom jagħtu anki l-lum, kultant anki sat-tixrid taddemm.

**Festa Mediterranja**

Il-festa ta' San Ġorġ t'Għawdex hija festa purament Mediterranja. Il-Mediterran huwa l-baħar tal-kulturi, il-baħar tal-kuntrasti, il-baħar tal-piki li jwasslu għat-tiġdid u t-tisħiħ tal-valuri Kristjani li propju għax m'humiex destinati għall-mewt jinsabu dejjem f'tellieqa kontinwa lejn dak li huwa l-akbar, l-aqwa u l-aħjar. San Ġorġ tar-Rabat m'huwiex eċċezzjoni; anzi huwa l-avangardista. Għalhekk il-protagonisti ta' din il-festa qatt ma kkuntentaw irwieħhom b'dak li huwa sekondarju, b'dak li huwa tal-ħabba gozz, b'dak li huwa medjokri, imma l-medjokrità dejjem ħallewha għal dawk li jtellqu imma m'għandhomx ix-xorti li jwasslu sa l-aħħar. Bir-raġun mela li l-festa ta' San Ġorġ hija l-festa mudell mhux biss fil-gżira ċkejkna tagħna imma fl-arċipelagu Malti kollu kif iddur. Il-festa ta' San Ġorġ tiġbor fiha dak l-entużjażmu tipiku tal-ġens Mediterranju li jippermetti l-kompetizzjoni biex jibbrilla f'dak li m'huwiex ta' nofs kedda, imma f'dak li jservi ta' tagħlim għal dawk li lesti jkunu umli biżżejjed biex jitgħallmu.

**Festa Għawdxija**

Imma fuq kollox il-festa ta' San Ġorġ hija festa verament Għawdxija. Fl-innu tiegħu *Su garzoni* ta' l-1894 il-Monsinjur "Tal-Vers" għalaq l-innu tiegħu bil-kelmiet *"Giorgio viva di Gozo splendor"*. Il-Kan. Joe Mejlak sejjaħlu "l-għaxqa ta' l-Għawdxin" fl-innu tiegħu *Ġmiel u Ġawhra*. Ġorġ Pisani tkellem fuq ir-rabta ta' San Ġorġ u Għawdex fil-poema tiegħu *Splenduri*. Il-poeta Malti Charles Coleiro jorbot imħabbtu lejn Għawdex ma' mħabbtu lejn San Ġorġ. U fl-arma ta' Għawdex l-istilla li tilma fuq it-tliet għoljiet ma tfakkarniex biss fl-ewwel banda Għawdxija mgħammda *La Stella Vincitrice* (il-Kewkba Rebbieħa), imma aktar u aktar f'Ġorġi tagħna, "l-Istilla tiddi kollha dija", kif sejjaħlu l-Franġiskan Akkursju Xerri. Ir-rabta ta' San Ġorġ ma' Għawdex hija immortali hekk li l-festa tiegħu saret il-festa Għawdxija *per eccellenza*. M'hijiex il-festa marbuta ma' l-*"establishment"* ta' l-eliti, lanqas hija festa nazzjonali, imma hija festa mill-poplu u għall-poplu kif mill-poplu u għall-poplu hija l-parroċċa tiegħu fil-qalba tar-Rabat, il-belt l-antika t'Għawdex kollu. Hija l-festa t'Għawdex l-ewlenija għax ewlenija kienu għall-parroċċi u l-festi Għawdxin il-banda ċittadina, l-istatwa titulari ta' Azzopardi, l-istatwa għall-festi ta' barra ta' Cremona, l-innijiet *Spento e il drago* u *Su garzoni* ta' Mons. Farrugia u l-parroċċa nfisha, il-mafkar l-aktar bikri tal-fidi Kristjana fir-Rabat u f'Għawdex tiegħu.

Din hija l-festa ta' San Ġorġ, festa li tħaddan kull Għawdxi kif lil kull Għawdxi tħaddan il-knisja tiegħu monumentali, bl-istess mod li l-figura tal-qaddis tagħha tperper mill-bandiera Maltija fuq il-bjut u fuq id-djar tagħna. *"Giorgio è nostro"* kienet l-għajta ta' 'l fuq aktar minn mitt sena ilu! "Ġorġi tagħna" hija l-għajta li tinstema' fil-jiem tal-festa li ssir f'ġieħu. Ma' dawn il-kelmiet ħierġa mill-qalb Għawdxija jidħlu f'armonija l-kelmiet tal-motto tal-belt tiegħu, Victoria: *"A magna maxima"* – "Mill-akbar sa l-ogħla"! Hekk minn dejjem kien jixraqlek, o Ġorġi tagħna! Fis-sema tal-kwiekeb tal-festi Għawdxin, din tiegħek mill-akbar sa l-ogħla!

## mużew tal-bażilika



## *X'sehh s'issa fil-proġett...*

| | |
|---|---|
| **24 April 1998**: | kuntratt ta' xiri minn San Ġorġ ta' fond bl-indirizz ta' Pjazza San Ġorġ |
| **10 Awwissu 1998**: | iffirmar tal-kostituzzjoni (jew statut) tal-FBV |
| **29 Diċembru 1998**: | kuntratt tat-twaqqif tal-FBV (bħall-oħrajn, xogħol in-nutar Paul G. Pisani) |
| **16 Settembru 1999**: | kuntratt ta' xiri mill-FBV ta' fond fi Triq Mons. Giuseppe Farrugia |
| **07 Settembru 2007**: | il-proġett oriġinali meħud għand l-awtorità responsabbli |
| **18 Diċembru 2007**: | il-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp tal-MEPA taċċetta l-applikazzjoni |
| **12 Settembru 2008**: | il-proposta l-ġdida tal-proġett (li issa beda jitwettaq) |
| **08 Jannar 2009**: | laqgħa twila ta' kjarifika mal-kumitat responsabbli |
| **15 April 2009**: | ittra tavżana li l-proġett intgħażel mill-kumitat ta' l-għażla |
| **21 Mejju 2009**: | kuntratt bejn San Ġorġ u l-FBV fuq il-bini u t-tmexxija tal-mużew |
| **07 ta' Ġunju 2009**: | sejħa għall-impjieg ta' *project manager* |

FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI
MALTA 2007-2013